MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2013

Numru. 37/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Denise Grace Spiteri**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijet migjuba fil-konfront tal-imputata, Denise Grace Spiteri ta’ 19-il sena, bint David u Miriam nee` Busuttil imwielda Pieta`, fis-26 ta’ Ottubru 1991 u residenti 58, Miranda, Triq Mikelang Grima, Pembroke, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 556191(M):

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Marzu 2011 ghall-habta tal-11:30 p.m. u fil-hin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer Maltin:

1. Ittraffikat, bieghet, qassmet jew offriet li titraffika, tbiegh, jew tqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2. Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2013, xehed **l-Ispettur Bernard Charles Spiteri**[1], li qal illi meta huwa kien ghadu stazzjonat gewwa l-Ghassa tan-Naxxar, fl-4 ta' Marzu

[1] A fol. 6 sa 14 tal-process.

2011, ghall-habta ta’ 12.30 a.m., kien gie infurmat minn PS 3 Kevin Grima illi zewg pulizija tal-*mobile* u cioe` PC 1473 Simon Deguara u PC 84 Derrick Anastasi kienu nizzlu zewg persuni gewwa l-Ghassa ta’ B’Kara. Dawn kienu Mark Bonello (ID 557692(M)) u Mark Andrew Azzopardi (ID 605391(M)). L-Ispettur Spiteri spjega illi dawn iz-zewg persuni kienu ttiehdu gewwa l-imsemmija Ghassa wara li ghall-habta ta’ 11.45 p.m., waqt li l-imsemmija pulizija kienu ghaddejjin minn hdejn il-*Liquid Club* fi Triq Hal Gharghur, B’Kara, huma nnutawhom jarmu xi haga mal-art. Sussegwentement irrizulta illi dan kien pakkett li kien jikkontjeni hames pilloli bojod, suspettati *ecstasy*.

In vista ta’ dan, il-pulizija ghamlu tfittixija fuq dawn iz-zewg guvintur, waqt liema tfittxija instabu tliet pilloli fuq Mark Andrew Azzopardi u zewg pilloli fuq Mark Bonello. Mal-art kienet instabet ukoll pillola ohra. Dwar din l-ahhar pilloli, l-Ispettur Spiteri xehed illi l-imsemmija guvintur m’ammettewx ta’ min kienet din il-pillola. Dan ix-xhud qal ukoll illi meta huwa nvestiga lil dawn iz-zewg persuni, u dan wara li huwa wissihom dwar id-drittijiet legali taghhom, u meta huwa staqsihom minghand min kienu gabu dawn il-pilloli *ecstasy*, fil-waqt illi Mark Bonello ma ndikax il-persuni li minghandha kien xtrahom, fil-5 ta’ Marzu 2011, gewwa l-Ghassa tan-Naxxar, Mark Andrew Azzopardi qal illi dawn kienet gabithomlu tfajla habiba tieghu. L-istess Azzopardi kien qallu illi habibtu kienet tkellmet ma’ xi persuna u gabet il-pilloli minghand haddiehor. Azzopardi qal illi huwa kien talabha sabiex tbieghlu wahda u hu xtara pillola bil-prezz ta’ €15. L-Ispettur xehed illi meta huwa staqsa lil Azzopardi jekk rax jekk din il-habiba tieghu, kellhiex izjed pilloli, huwa qal illi ma kienx jaf u lanqas ma kien jaf jekk kinitx bieghet xi pilloli simili lil haddiehor. Qal illi hi ma kinitx tbiegh il-pilloli, izda kienet gabet il-pilloli minghand haddiehor. Meta gie mistoqsi jekk kienx jaf li din il-persuna kellha dawn il-pilloli ghaliex qaltlu hi stess, huwa wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi x’diskors kien intqal bejnu u bejn din il-habiba tieghu, Azzopardi qal illi hi kienet qaltlu li kienet ser iggib ghaliha minghand xi hadd, u staqsietu jekk riedx. Skond Azzopardi, din il-habiba tieghu kienet Denise Spiteri minn

Pembroke. L-Ispettur kien wera ritratt ta’ Spiteri lil Azzopardi u dan ikkonferma li l-persuna fir-ritratt kienet il-persuna li kien qed jirriferi ghaliha.

L-Ispettur Spiteri xehed illi sussegwentement huwa kien baghat ghall-imputata fl-20 ta’ Marzu 2011 u wara li kien taha s-solita twissija, kif ukoll infurmaha illi kellha d-dritt illi tikkonsulta ma’ avukat ta’ fiducja taghha, hija ghazlet illi ma tiehux parir legali u rrilaxxjat stqarrija, fil-presenza ta’ WPS 100 Lauren Mifsud.

Skond l-Ispettur Spiteri, l-imputata kienet ammettiet illi kienet tmur gewwa l-*Liquid Club*, B’Kara u li marret hemmhekk tliet darbiet. Hija kienet qalet illi Mark Andrew Azzopardi huwa habib taghha u li waqt il-*party*, dan Mark kien hemm ukoll. Mistoqsija kemm il-pillola ghaddiet lil Mark, hija qalet li saf fejn taf hi kienet ghaddietlu wahda. Mitluba taghti deskrizzjoni ta’ dan Mark, hija qalet li dan kien l-istess persuna li ddeskrivielha hu. Mistoqsija jekk kinitx hadet pillola *ecstasy*, hija wegbitu fin-negattiv, imma qalet li kienet hadet xi pilloli *ecstasy* f’xi okkazzjoni ohra. Kienet anke ddeskriviet kif kienet ghaddiet dawn il-pilloli lil Mark. Mistoqsija jekk minn dawn il-pilloli, hija kinitx ghamlet xi qliegh, hija wiegbet fin-negattiv, u li Mark kien taha l-flus, liema flus hija ghaddiethom lill-persuna l-ohra. Qalet ukoll illi dan sehh f’okkazzjoni wahda. L-Ispettur xehed illi ma rrizultalux illi l-imputata ghamlet dan f’izjed minn okkazzjoni wahda u dan ghamlitu bi pjacir lil Mark ghaliex dan kien talabha jekk tafx lil xi hadd li ghandu dawn il-pilloli. Huwa esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata u gharaf il-firma tieghu u dik ta’ WPS 100 fuq l-istess stqarrija.

In kontro-ezami, l-Ispettur Spiteri xehed illi l-kondotta ta’ Bonello u Azzopardi kienet wahda nadifa u fil-konfront taghhom, ittiehdu proceduri kriminali li gew decizi. Huwa xehed ukoll illi ma giex applikat l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 fil-konfront ta’ dawn iz-zewg persuni. Mistoqsi jiftakarx li waqt l-istqarrija, l-imputata kienet talbet biex jinghad lilha min kien l-individwu li kien qed jixliha b’dan il-mod u li dan ma inghadx lilha, l-Ispettur xehed illi ma kellux amment dwar dan, izda kien jaf illi lil Mark huwa kien semmieh

anke waqt li kienet qeghda tittiehed l-istqarrija tal-imputata bil-miktub. Mistoqsi wkoll dwar il-hin li fiha giet ittajpjatha l-istqarrija, huwa qal li dan sar fis-2.00p.m u mistoqsi kemm kien ilha gewwa l-Ghassa, l-imputata, huwa qal illi bl-amment ma kienx jiftakar, izda jahseb li kienet ilha hemm xi siegha jew xi haga hekk. L-imputata ma kinitx giet arrestata, izda kienu cemplulha u talbuha sabiex tmur gewwa l-Ghassa. Huwa qal illi x'hin irrilaxxjat l-istqarrija, hija ma nzammitx arrestata, imma jista' jkun li qalilha li kien ser jarrestaha. L-Ispettur qal ukoll illi huwa semma l-persuna li qal li xtara minghand l-imputata, lill-istess imputata, u staqsiha jekk kinitx tafu. Huwa qal illi jista' jkun illi Azzopardi ssemma mal-imputata meta kienet qeghda tigi rilaxxjata l-istqarrija bil-miktub u mhux qabel meta kienet qeghda tigi mitkellma, izda ma kellux amment dwar dan.

Mistoqsi wkoll jekk ghamilx indagini dwar l-istat mentali tal-imputata fiz-zmien tal-kaz u tal-istqarrija, ix-xhud qal illi m'ghamel l-ebda indagini dwar dan. Fil-hin li huwa kien qed jinvestigaha, huwa ma ra xejn li ma kienx normali u ma hassx li kellu jaghmel dawn il-verifiki. Mistoqsi jekk kienx irrizultalu illi l-imputata kienet vittma ta' pedofelija u anke pruvat taghmel suwicidju, li giet stuprata u li kellha dawn il-problemi kollha fiz-zmien tal-kaz odjern u tal-istqarrija, l-Ispettur wiegeb fin-negattiv u li ma jafx jekk kinitx semmietlu dawn l-affarijiet. Huwa qal illi l-imputata kienet qisha ftit bezghana waqt l-istqarrija, imma mbaghad wiegbet ghad-domandi u ammettiet mill-ewwel.

L-Ispettur Spiteri xehed illi l-imputata, Bonello u Azzopardi kienu hbieb, izda ma vverifikax dwar lil min kien jinkludi dan ic-cirku ta' hbieb. Dwar il-persuna li semmiet l-imputata ossia Jean, hija kienet qalet li dan kien minn B'Kara, izda ma kienx jirnexxilu jistabilixxi l-identita` tieghu. Mistoqsi wkoll dwar id-dritt li nghata lill-imputata u cioe` illi hija tiehu parir legali, huwa qal illi jahseb li kien hu li infurmaha b'dan id-dritt. Huwa fissrilha illi kellha d-dritt illi tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju taghha u dan jew bit-telefon jew gewwa l-istess ghassa. Bl-amment ma kienx jiftakar x'kien qalilha izjed. Mistoqsi kif kien iwissi lill-persuni li jarresta, fiz-zmien tal-kaz, ix-xhud

wiegeb illi qabel ma jkellmu lill-persuna suspettata, huwa jinfurmah bir-raguni li dwarha kien qieghed hemm u li kellu d-dritt jitkellem ma' avukat. Dwar ir-regola tal-inferenza wara li persuna taghzel li tikkonsulta ma' avukat, ix-xhud qal illi huwa jispjega illi jekk il-persuna mbaghad tixhed quddiem il-Qorti u ma tkunx korretta mal-fatti, il-kaz jista' jdur kontrih.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PS 3 Kevin Grima**[2]. Huwa pprezenta l-okkorrenza, datata 4 ta' Marzu 2011, li hejja huwa stess u li kienet tikkoncerna rapport dwar pussess ta' pilloli li nstabu fuq zewg persuni ma' genb l-istabbiliment *Liquid* fi Triq Hal Gharghur, B'Kara. In kontro-ezami, dan ix-xhud qal illi l-involviment tieghu kien illi kiteb il-verzjoni tal-pulizija tal-*mobile,* dahhal ir-rapport u kellem lil dawn iz-zewg persuni nvoluti. Huma qalulu li kienu xtraw il-pilloli minghand ragel gewwa l-istabbiliment *Liquid* ghall-prezz ta' €15 il-wahda. Huma qalulu wkoll illi ma kinux jafu min kien dan ir-ragel. Ix-xhud spjega illi ma staqsiex lil dawn iz-zewg persuni kemm kienu ilhom jiehdu pilloli *ecstasy* ghaliex ma dahalx f'dak id-dettal. Qal ukoll illi l-istess zewg persuni qalulu illi huma kienu xtraw dawn il-pilloli dak il-lejl stess u li kienu flimkien meta xtrawhom minn gewwa d-diskoteka msemmija. It-tnejn ikkonfermaw illi huma kienu xtraw dawn il-pilloli minghand ragel dakinhar stess, ghalkemm ma tawx dettalji dwaru. Ix-xhud qal ukoll illi dawn iz-zewg persuni gew mitkellma separatament u li t-tnejn taw l-istess verzjoni. Ghalkemm il-pilloli nxtraw minnhom minn gewwa l-istabbiliment, l-agir suspettuz taghhom sehh barra u kien ghalhekk li intervjenew il-pulizija tal-*mobile.* Dan ix-xhud qal illi fl-ebda hin ma ssemmiet tfajla mieghu, la minn dawn iz-zewg persuni u minn hadd. Mistoqsi wkoll jekk kienx ra l-pilloli li kellhom fuqhom dawn iz-zewg persuni, huwa wiegeb fl-affermattiv u qal illi dawn gew mghoddija lilu mill-pulizija tal-*mobile.* Huwa qal illi l-pulizija qalulu li dawn kienu nstabu fil-but ta' dawn il-persuni u li kienu nstabu tliet pilloli fuq Azzopardi u zewg pilloli fuq Bonello. Dawn kienu pilloli bojod, b'naha minnhom lixxa u fuq in-naha l-ohra kien hemm imnaqqax E=MC2. Pillola simili

[2] A fol. 16 sa 23 tal-process.

instabet mal-art gewwa wahda minn zewg boroz trasparenti li nstabu ma' genb dawn iz-zewg persuni. Huwa kkonferma li kien ra s-sitt pilloli kollha u li dawn kienu tal-istess lewn u kellhom fuqhom l-istess formula matematika.

Mir-rapport esebit mill-istess PS 3 Kevin Grima[3], tirrizulta l-istess verzjoni li ta fix-xhieda tieghu dan ix-xhud, *inter alia* illi meta dawn iz-zewg guvintur gew mitkellma gewwa l-Ghassa ta' B'Kara, huma sostnew illi kienu flimkien meta xtraw dawn il-hames pilloli, li skond huma kienu *ecstasy*, minn gewwa d-diskoteka. Huma qalu illi xtraw dawn il-pilloli bil-prezz ta' €15 il-wahda, minghand ragel li ma kinux jafu min hu u illi l-istess ragel tahom il-pilloli wahedhom u tahom ukoll zewg boroz zghar u trasparenti sabiex ipogguhom go fihom. Huma nnegaw illi l-pillola misjuba mal-art kienet taghhom.

Fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2013, xehdet **<u>WPS 100 Lorraine Grech</u>**.[4] Hija gharfet il-firma taghha fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata wara li hija kienet inghatat id-debita twissija da parti tal-Ispettur u dik tal-istess imputata. In kontro-ezami, ix-xhud qalet illi ma kinitx tiftakar kemm kienet damet gewwa l-Ghassa l-imputata qabel ma rrilaxxjat l-istqarrija u lanqas ma kienet tiftakar jekk kinitx dahlet mill-ewwel. Ix-xhud qalet illi waqt l-istqarrija, kienu prezenti hi, l-Ispettur u l-imputata. Ma kinitx tiftakar min kien prezenti izjed, izda kienet certa li kien hemm hi, l-Ispettur u l-imputata. Mistoqsija jekk kinitx nizzlet lill-imputata f'xi kamra bhal xi forma ta' cella gewwa l-Ghassa, hija wiegbet fin-negattiv. Lanqas ma kienet tiftakar jekk l-imputata talbitx xi haga qabel ma giet mitkellma jew waqt li kienet qeghda tigi mitkellma. Qalet ukoll illi ma tiftakarx x'kienet qalet l-imputata fl-istqarrija, izda kienet qeghda taghraf il-firma taghha u tal-istess imputata.

---

[3] Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 24 sa 26 tal-process. Ir-rapport huwa datat 4 ta' Marzu 2011, izda jidher li ddahhal minn PS 3 Kevin Grima fil-5 ta' Marzu f'00.16.
[4] A fol. 29 sa 32 tal-process.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Mark Andrew Azzopardi**.[5] Huwa qal illi ghall-habta ta' nofs Frar 2011, kienu gewwa *club* maghruf bhala *Liquid* u habibtu, cioe` l-imputata, tkellmet ma' xi persuna ohra. Huwa xehed illi peress illi kien jaf illi gabet il-pilloli minghand xi haddiehor, huwa staqsieha biex tbieghlu wahda. Huwa spjega illi kien jaf illi l-imputata kienet ser iggib ghaliha ghaliex qaltlu hi stess, huwa staqsiha biex tbieghlu wahda, u taha €15. Dan gara f'okkazjoni wahda.

In kontro-ezami, Azzopardi qal illi huwa gie arrestat waqt li kien qieghed barra l-imsemmi stabbiliment u li dak il-hin kien ma' Mark Bonello. Dakinhar li gie arrestat ma' Mark Bonello, il-pulizija kienu sabulhom hames pilloli, liema pilloli kienu lkoll tal-istess kulur. Fuqu nstabu tlett pilloli, fil-waqt illi fuq Bonello instabu zewg pilloli. Huwa qal li ma kellux idea u ma kienx jiftakar dwar it-tip ta' logo li kellhom fuqhom dawn il-pilloli. Ix-xhud qal illi huwa ma kienx ghadu abbuza minn dawn il-pilloli. Mistoqsi jispjega kif il-pilloli kienu lkoll tal-istess lewn, izda kienet wahda biss li nghatat lilu mill-imputata, huwa qal "*imma ma kinitx fl-istess gurnata*"[6]. Mistoqsi jekk il-pilloli li nstabu fuqu l-pulizija fl-4 ta' Marzu u l-pillola li taghtu l-imputata kinux jirreferu ghal jiem differenti, huwa wiegeb fl-affermattiv.

Fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2013, xehdet ukoll **l-imputata**.[7] Hija qalet illi llum hija ghandha 22 sena u illi l-unika darba li xehdet quddiem il-Qorti kien fir-rigward ta' kaz fejn il-gar kien qieghed jidher gharwien quddiemha, meta hija kellha sittax-il sena. Skond l-istess imputata, din is-sitwazzjoni effettwata b'tali mod illi bdiet tbati minn *depression* ghal xi zmien u illi ghaddiet minn numru ta' esperjenzi, f'dak iz-zmien, li ma ghenux is-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha. Qalet ukoll illi kienet xhud ta' omicidju li sehh ftit metri l-boghod minnha. L-imputata spjegat illi hija bdiet taghmilha ma' klikka ta' nies imhawwdin u li d-*depression* taghha marret ghall-aghar. Qalet illi spiccat waqqghet zewg sulari waqt li kienet il-Germanja madwar hames jew sitt xhur qabel dan il-kaz. Fl-istess zmien, hija

[5] A fol. 33 sa 37 tal-process.
[6] A fol. 37 tal-process.
[7] A fol. 38 sa 48 tal-process.

giet ukoll stuprata minn ragel ta' madwar 40 sena. Illum il-gurnata hija qeghda tigi segwita minn psikologu u ma baqghetx tabbuza mid-droga. L-imputata prezentat kopja ta' dokument iffirmat minn Dr. Mark Xuereb, li bazikament jispjega l-esperjenzi li ghaddiet minnhom l-imputata u dak li ssofri minnu l-imputata bhala konsegwenza ta' dawn l-esperjenzi.[8] L-imputata prezentat ukoll ir-ricetta mahruga mill-istess Dr. Xuereb fir-rigward taghha.[9]

Mistoqsija tispjega dwar x'gara gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, meta hija giet mitluba illi tmur hemmhekk, hija spjegat illi gie implikat mill-pulizija illi hija kellha tirrilaxxja stqarrija. Irid jinghad illi mhux car ghall-Qorti dak li riedet tfisser l-imputata fil-parti tax-xhieda taghha fejn qalet illi "*…they told me that is anywise to talk to a lawyer at that time, they implied that if I gave a statement and I had to give a statement*".[10] Jista' jkun illi l-imputata fil-fatt qalet illi kien intqal lilha mill-pulizija illi ma kienx ghaqli jew li kien *unwise* li titkellem ma' avukat. Hija qalet ukoll illi ma riditx tibqa' hemm matul il-lejl ghaliex riedet tmur ghand il-genituri taghha u ma riditx tinkwetahom stante illi huma ma kinux jaf x'kien qieghed jigri. Qalet li missierha kien isoffri minn pressjoni gholja. Mistoqsija kemm kien hemm pulizija prezenti waqt li kienet qeghda tigi mitkellma, hija qalet li kien hemm mill-inqas tlieta, f'kull mument, gewwa l-kamra u kien hemm mument fejn kien hemm anke hames persuni fil-kamra waqt li kienet qeghda tigi nterrogata. Il-maggor parti tad-domandi ghamilhom l-Ispettur Spiteri, ghalkemm kien hemm ukoll pulizija ohrajn li staqsewha xi mistoqsijiet. L-imputata qalet illi "*I felt like I was put in a spot and that if I did not say what they wanted me to say or I thought they wanted me to say, I did not know how I would end up. I have never been in this sort of situation before and I did not know what rights I had at the time. I did not have a lawyer either so it was very new and very scary and the way that he interrogated me did not help the situation. I just wanted to get home*"[11]. Qalet ukoll illi talbet illi jigi kkonfermat lilha x'kien

[8] Esebit a fol. 49 tal-process.
[9] Esebita a fol. 50 tal-process.
[10] A fol. 42 tal-process.
[11] A fol. 43 tal-process.

ser jigri jekk tiehu parir legali u qalet illi hija nfurmat lill-pulizija illi ma kellhiex avukat.

L-imputata kkonfermat illi hija kienet marret gewwa l-*club Liquid* ghal numru ta’ *parties.* Mistoqsija jekk kinitx marret fl-imsemmi *club* fix-xahar ta’ Frar tas-sena in kwistjoni u fix-xahar ta’ Marzu, hija wiegbet fl-affermattiv. Qalet illi Mark (b’referenza ghal Mark Azzopardi) kien l-*ex boyfriend* ta’ wahda mill-hbieb taghha u li dak iz-zmien, b’referenza ghax-xahar ta’ Frar, hija kienet tqatta’ hin mhux hazin mieghu u ma’ shabu. Mistoqsija x’kien gara fix-xahar ta’ Frar, meta kienet qeghda gewwa l-*Liquid Club* flimkien ma’ Mark, hija qalet illi fi Frar, hija kienet marret *party* mieghu u wara li kienu xorbu hafna, huwa staqsiha jekk kinitx taf lil xi hadd u stante li anke hi xtaqet tabbuza mid-droga – fi kliemha “*I was interested in getting high*”[12] – hija dahlet gewwa l-istabbiliment u sabet lil xi hadd li provdielha l-pilloli. Hija xtrat zewg pilloli – wahda ghalih and wahda ghaliha. Mistoqsija tghid x’ghamlu hi u Mark wara li xtrat il-pilloli, hija kompliet tghid hekk: “*As far as I know I took it*. *I continued partying. I kept on drinking. Then he disappeared and I do not know where they went*”.[13]

In kontro-ezami, l-imputata qalet illi waqt l-interrogazzjoni taghha gewwa l-Ghassa tan-Naxxar, kien hemm l-Ispettur u l-mara li xehdet qabel u zewgt irgiel ohra. Qalet li kienet certa illi kien hemm tal-inqas zewgt irgiel ohra. Mistoqsija tikkonferma li fil-fatt giet imwissija dwar id-drittijiet taghha qabel l-interrogazzjoni, hija qalet illi hija giet imwissija dwar id-drittijiet taghha izda “*you also implied, the way you were speaking, that if I got a lawyer it would mean bad for me in Court. From your tone*”.[14] Fir-rigward tal-istqarrija taghha, l-imputata qalet illi hija rrilaxxjat l-istqarrija “*to satisfy your questions at the time. I did not really remember all the details of that party. I was not sober*”[15]. Mistoqsija jekk it-twegibiet taghha inghatawx minnha b’mod volontarju, hija wiegbet illi “*You said you*

[12] A fol. 45 tal-process.
[13] A fol. 46 tal-process.
[14] A fol. 47 tal-process.
[15] A fol. 47 tal-process.

*had evidence which you did not show me and you said that you had evidence that I had done certain things and I had to confirm that I had done them. I cannot confirm the wording but that for sure*"[16]. Hija qalet li kienet inghatat kopja tal-istqarrija qabel din giet iffirmatha minnha u illi hija ffirmatha ghaliex ma kinitx taf ahjar u illi hasbet illi "*it was the right thing to do*".

Fl-istqarrija rilaxxjata minnha fl-20 ta' Marzu 2011[17], l-imputata qalet illi hija marret gewwa l-*Liquid Club* xi tliet darbiet. Mistoqsija jekk ghall-habta ta' nofs Frar 2011, hija attendietx ghal *party* hemmhekk, hija wiegbet fl-affermattiv. Mistoqsija ma' min kienet waqt dan il-*party*, hija wiegbet illi kienet ma' *diversi* hbieb. Hija kkonfermat illi dakinhar ghaddiet xi pilloli lil wiehed jismu Mark u cioe` wiehed mill-hbieb taghha li kien qieghed fil-*party.* Mistoqsija kemm il-pillola ghaddiet lil Mark, hija qalet illi safejn taf hi, wahda. Mistoqsi jekk dan Mark ghandux xaghru twil u hu minn H'Attard, hija wiegbet fl-affermattiv. Mistoqsija jekk dakinhar hija haditx pilloli *ecstasy*, hija qalet li ma kinitx tiftakar u ma setghetx tghid jekk haditx jew le. Mistoqsija kif ghaddiet il-pilloli lil Mark, hija qalet illi huwa kien staqsiha minn fejn setghet issiblu sabiex jixtri pilloli Route 66 jew Einsteins u hija staqsiet lil shabha biex titkixxef dwar min ikollu dawn il-pilloli. Hija sabet habib li kien jaf lil xi hadd li kellu dawn il-pilloli, stenniet sakemm dan il-habib gabilha l-pilloli, u hi tathom lil Mark li da parti tieghu taha l-flus. Hija ghaddiet il-flus lill-habib taghha, Jean. Qalet illi Jean gabilha zewg pilloli, ghaliex apparti Mark, kien hemm ukoll habib iehor li talabha illi takkwistalu pillola. Madankollu, Mark kien ha pillola wahda u b'hekk lil Jean, hija ghaddietlu €15 u pillola.

Mistoqsija jekk apparti dakinhar, kienx hemm xi drabi ohra meta hija ghaddiet xi pilloli lil xi hadd, hija wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija wkoll jekk hija haditx xi haga talli kienet involuta fil-bejgh ta' din il-pillola, hija wiegbet fin-negattiv u qalet illi kull ma ghamlet kien illi gabet il-pillola u wara marret thallas ghaliha. Qalet ukoll illi hija kienet

[16] A fol. 47 tal-process.
[17] A fol. 15 u 15A tal-process.

ghamlet dan ghaliex Mark kien qieghed barra, filwaqt illi Jean kien qieghed gewwa u hija kienet hierga u diehla u ghalhekk Mark kien talab lilha sabiex takkwista ghalih. Hija kkonferma li dak li qalet kienet il-verita`. Mistoqsija wkoll jekk kinitx hadet droga, hija qalet illi xi darba tiehu meta tkun gewwa *party*, imma kien ilha ma tiehu. Dakinhar hadet droga, izda ma tafx x'kienet. Taf li xammet xi haga, li zgur li ma kinitx kokaina, izda kienet verzjoni gdida tal-miaw. Din id-droga hija kienet gabitha minghand xi persuni li ma tafhomx.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma cari – Fl-4 ta' Marzu 2011, zewg guvintur inqabdu fil-pussess ta' pilloli *ecstasy* quddiem il-*Liquid Club*. Skond l-Ispettur Bernard Charles Spiteri, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, wiehed minn dawn il-guvintur – Mark Andrew Azzopardi – kien indika lill-imputata bhala l-persuna li kienet bieghitlu pillola *ecstasy* bil-prezz ta' €15. Sussegwentement, fl-20 ta' Marzu 2011, l-imputata irrilaxxjat stqarrija fejn fil-fatt qalet illi l-istess Mark kien talabha tipprokuralu pilloli Route 66 jew Einsteins u hija rat kif ghamlet biex sabet lil xi hadd – habib taghha bl-isem ta' Jean - li kien jaf lil haddiehor li kien ibiegh dawn il-pilloli u fil-fatt prokurat pillola lil Mark, ghal liema pillola dan Mark hallasha €15. Hija ghaddiet dawn il-flus lill-persuna li kien prokura lilha din il-pillola.

M'hemmx dubju illi fil-fatt l-imputata kienet ipprokurat pillola u forniet l-istess lil Mark Andrew Azzopardi. Il-Qorti m'hijiex sejra tidhol fil-kwistjoni dwar x'kienet din il-pillola u jekk jirrizultax sal-grad rikjest mil-ligi jekk din kinitx attwalment pillola *ecstasy*, kif indikat fl-ewwel imputazzjoni, ghaliex m'hemm assolutament l-ebda prova illi fil-fatt din il-pillola giet ipprokurata mill-imputata lill-istess Mark Andrew Azzopardi fl-4 ta' Marzu 2011, kif indikat fic-*charge sheet* odjerna. Anzi l-provi <u>kollha</u> jindikaw illi din il-pillola giet prokurata mill-imputata lil Azzopardi f'xi zmien fi Frar tas-sena 2011 u mhux fl-4 ta' Marzu tal-istess sena. Fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputata, l-Ufficjal Investigatur stess jirreferi fil-mistoqsijiet tieghu lill-istess imputata ghal *party* li hija attendiet ghall-habta ta'

nofs Frar 2011 u wara jibqa' jirreferi ghal 'dakinhar', b'referenza ghalhekk ghall-istess *party* fl-istess jum. It-twegibiet tal-imputata huma kollha b'referenza ghall-*party* partikolari msemmi mill-Ufficjal Investigatur. Mistoqsija jekk hija ghaddietx pilloli lil xi hadd xi drabi ohrajn, hija wiegbet fin-negattiv u m'hemm assolutament l-ebda referenza ghal xi *party* fl-4 ta' Marzu 2011. Bl-istess mod, fix-xhieda taghha, l-imputata tirreferi kontinwament ghall-*party* li attendiet fi Frar gewwa l-*Liquid Club* u tghid illi f'dik l-okkazzjoni hija ottjeniet zewg pilloli - wahda ghaliha u wahda ghall-habib taghha Mark.

L-istess Mark Andrew Azzopardi, fix-xhieda tieghu, jirreferi ghall-*party* li sehh ghall-habta ta' nofs Frar tas-sena 2011 u jghid illi peress illi huwa kien jaf illi l-imputata kienet ser iggib pillola ghaliha, huwa talabha biex tbieghlu pillola, ghal liema huwa hallasha €15. Skond l-istess xhud, dan gara biss f'okkazzjoni wahda. Jirrizulta mix-xhieda tal-istess Azzopardi, illi l-pilloli li nstabu fuqu meta gie arrestat fl-4 ta' Marzu 2011, waqt li kien ma' siehbu Mark Bonello, ma kinux inxtraw minghand l-imputata, ghaliex huwa kien xtara pillola minghand l-istess imputata f'jum iehor. Il-pillola li huwa xtara minghand l-imputata u l-pilloli li nstabu fil-pussess tieghu fl-4 ta' Marzu 2011 ghalhekk ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin u kienu nxtraw minnu f'jiem differenti, fis-sens ukoll illi l-pilloli li nstabu fuqu fil-jum imsemmi ma kinux inxtraw minghand l-imputata. Dan gie wkoll ikkorroborat minn PS 3 Kevin Grima, fis-sens illi fix-xhieda tieghu, huwa qal illi meta kellem lil Mark Andrew Azzopardi u lil Mark Bonello, wara li dawn ittiehdu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, fl-4 ta' Marzu 2011, dawn qalulu illi kienu xtraw il-pilloli li nstabu fuqhom, dakinhar stess, minghand ragel li ma kinux jafu min hu u dan gewwa l-istabbiliment *Liquid*. Dan gie kkonfermat lilu miz-zewg persuni msemmija, wara li huwa kellimhom b'mod separat. Qal ukoll illi mieghu ma ssemmiet l-ebda tfajla minn dawn iz-zewg persuni. Dan jirrizulta wkoll mir-rapport ipprezentat mill-istess PS 3 Kevin Grima.

Ghalhekk kif inghad izjed il'fuq m'hemm assolutament l-ebda prova illi turi li fil-fatt l-imputata pprokurat din il-pillola lil Mark Andrew Azzopardi fl-4 ta' Marzu 2011 ghall-habta

tal-11.30 p.m., kif indikat fic-citazzjoni odjerna, ghaliex jidher u jirrizulta pruvat illi din il-pillola fil-fatt giet ipprokurata mill-istess imputata lil Azzopardi f'*party* ghall-habta ta' nofs Frar tal-istess sena.  L-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tal-imputata jirreferu ghall-4 ta' Marzu 2011 ghall-habta tal-11.30 p.m. u fil-hin ta' qabel. Il-frazi 'fil-hin ta' qabel', fil-fehma ta' din il-Qorti, tirreferi xorta wahda ghall-istess jum tal-4 ta' Marzu 2011, u semplicement ghall-hin izjed bikri mill-11.30 p.m., u ma tista' bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni tigi interpretata bhala li tirreferi ghall-habta ta' nofs Frar 2011.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sodisfacjentement u sal-grad rikjest mil-ligi, l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi lanqas it-tieni imputazzjoni ta' pussess semplici ma tirrizulta ppruvata sal-grad rikjest mil-ligi.  Fil-fatt anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, u a bazi tal-istess kunsiderazzjonijiet rigwardanti l-ewwel imputazzjoni, irid jinghad illi ma jirrizulta bl-ebda mod illi l-imputata kellha fil-pussess taghha l-*ecstasy* jew li abbuzat minn din id-droga fl-4 ta' Marzu 2011.  Jirrizulta mill-istqarrija tal-imputata, kif inghad, illi hija kellha fil-pussess taghha l-pilloli ghall-habta ta' nofs Frar 2011 u in oltre, ghalkemm meta giet mistoqsija jekk qatt haditx droga, hija qalet illi "*xi darba niehu meta nkun f'xi party imma ilni ma niehu*", m'hemm l-ebda referenza ghal xi data partikolari jew ghaz-zmien li kienet qeghda tirreferi ghalih l-imputata b'tali mod li wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni li dan sehh fl-4 ta' Marzu 2011.  Anzi f'dan ir-rigward lanqas ma ssir xi referenza ghall-pilloli *ecstasy.*  Fix-xhieda taghha, wkoll, l-imputata tghid, kuntrarjament ghal dak li qalet fl-istqarrija taghha (fejn stqarret illi ma tiftakarx jekk dakinhar kinitx hadet pilloli *ecstasy*) illi hija hadet pillola fil-*party* li attendiet fi Frar 2011, u ghalhekk kif inghad izjed il'fuq, la darba anke din l-imputazzjoni tirreferi ghall-4 ta' Marzu 2011, ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Fl-ahharnett irid jinghad biss illi ghalkemm ix-xhieda tal-imputata u hafna mid-domandi maghmula mid-difiza kemm lix-xhieda tal-prosekuzzjoni, kif ukoll lill-istess imputata, kienu ntizi sabiex jaghtu l-impressjoni illi l-imputata ma rrilaxxjatx l-istqarrija taghha b'mod volontarju jew li kienet tant vulnerabbli li setghet qalet dak li fil-fatt ma kienx minnu u b'hekk inkriminat ruhha meta ma kinitx fil-verita` hatja, din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex tahseb illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata ma kinitx wahda volontarja jew li b'dak li stqarret kien hemm il-perikolu li fil-fatt tinstab hatja meta hatja ma kinitx. Dan ghaliex l-imputata kkonfermat fil-maggor parti dak li hija kienet qalet fl-istess stqarrija rilaxxjata minnha, fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, apparti illi dak li qalet fl-istqarrija, gie wkoll ikkorroborat mix-xhud Mark Andrew Azzopardi. Dan qed jinghad biss ghal fini ta' kompletezza u minhabba li kif inghad id-difiza qajjmet dan il-punt fit-trattazzjoni finali taghha u ghamlet enfasi kbir dwar dan fid-domandi taghha lill-imputata in ezami u lil xhieda kwazi kollha tal-prosekuzzjoni in kontro-ezami. In ogni caso, kif inghad l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata ma jirrizultawx pruvati skond il-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Avviz Legali 22 tal-1985, qeghda ssib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u qeghda tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali - Not To Put On Web >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------